MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 554/2007

**John Scicluna fil-kwalita' tieghu ta' Chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**
**Vs**
**Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li biha is-socjeta’ kummercjali GO p.l.c. ippremettiet:

lIli l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Numru 734/90AD) giet deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Novembru, 1990, u fl-istess kawza il-konvenut kien gie ikkundannat ihallas il-Korprazzjoni Telemalta Is-somma ta' tmien mija u hamsin Liri Maltin u erbatax-il (LM858.14), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 316217 li kien installat fil-fond numru Flat 1/A Promenade Flats, Col. Savona Street, Sliema, bl-imghax u bl-ispejjez;

Illi is-Socjeta Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi;

Illi mill-imsemmija somma il-konvenut ghamel xi pagamenti, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa ta' sebgha mija, tnejn u hamsin Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM752.44), oltre mitt Lira Maltin u tmenin centezmu (LM100.80), spejjez u drittijiet professjonali skond l-anessa taxxa immarkata Dokument "A”, kif ukoll sebgha mija, tnejn u hamsin Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (752.44), imghax legali, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elf, sit mija u hames Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (LM1605.68), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut;

Illi ghaldaqstant l-istess socjeta’ rikorrenti ghalhekk ghamlet referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta fejn talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-intimat notifikat ma ipprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors;

Rat li r-rapprezentanta tas-socjeta’ rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-korretezza ta’ dan ir-rikors wara li inqralha fir-registru ta’ din il-Qorti fis-17 ta’ Mejju, 2007;

Rat l-atti kollha;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghaldaqstant tilqa’ t-talba tal-istess socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------